# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 18 ta’ Mejju 2001**

**Numru  32**

**Citaz.  numru:  643/99 NA**

**Michaela Lambert**

**vs**

**John Grima**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-16 ta' Marzu 1999 fejn ippremettiet illi:

"Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Ottubru 1987 gewwa Cambridge l-Ingilterra u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, Charmaine, fit-23 ta' Lulju 1989.  Il-kontendenti ottjenew divizorju xi tlett snin ilu;

Illi maz-zwieg taghhom il-kontendenti bdew ighixu l-Ingilterra fejn anke twieldet it-tifla;

Illi matul il-hajja matrimonjali taghhom alteraw ir-residenza taghhom bejn Malta u l-Ingilterra pero' fl-1991 stabbilew definittivament ir-residenza taghhom f'Cambridge;

Illi minhabba d-disgwid fil-hajja konjugali l-attrici ottjeniet mill-Family Court ta' Cambridge "ex parte residence order" fir-rigward tat-tifla Charmaine u dan fis-26 ta' Ottubru 1992;

Illi f'Jannar 1993 hija kkonsentit li l-konvenut igib lit-tifla Malta ghal btala ta' gimghatejn sa biex izzir lill-familjari taghha Maltin;

Illi l-konvenut kontra l-ftehim li kellhom il-kontendenti ma rritornax lit-tifla lill-attrici imma zammha Malta;

Illi minkejja li l-attrici giet immedjatament Malta biex tiehu lil bintha lura l-Ingilterra, minhabba serje ta' cirkostanzi, li jigu carati u pruavti waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-attrici ma jirnexxiliex tiehu lil bintha lura l-Ingilterra u giet ingannata fis-

sens illi l-konvenut gieghlha tahseb li hu inghata l-kura u kustodja definittiva tat-tifla mill-Qrati Maltin;

Illi minn dak in-nhar l-attrici zammet kuntatt kontinwu ma' bintha b'telefonati ta' kull gimgha oltre li giet Malta mill-anqas ghoxrin darba biex tqatta' zmien ma' bintha;

Illi t-tifla ma tghix ma' missierha izda man-nanniet paterni;

Illi recentement l-attrici saret taf il-verita' u cioe' li zewgha ma kienx inghata l-kura u kustodja definittiva tat-tifla u li hi ma kenitx tilfet id-drittijiet ta' genitur;

Illi l-attrici hija konvinta li jkun fl-ahjar interess tat-tifla li l-kura u kustodja taghha tigi fdata f'idejn l-attrici u li tmur tghix lura l-Ingilterra;

Illi in oltre hija x-xewqa tat-tifla li tmur tghix l-Ingilterra ma' omhha;

TALBET li din il-Qorti:

1. tafda l-kura u kustodja tat-tifla Charmaine Grima f'idejn l-attrici;

2. tawtorizza lill-attrici tiehu lit-tifla Charmaine l-Ingilterra inattiz kull mandat ta' impediment ta' partenza li jista' jkun hemm in vigore fil-konfront ta' l-imsemmi minuri Charmaine Grima.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tal-21 ta' Jannar 2000 fejn eccepixxa illi:

1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt (kif diga' gie muri fir-Risposta ta' l-esponent ghar-rikors tad-19 ta' Lulju 1999 li ghaliha qed issir riferenza) u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi l-kura u kustodja tat-tifla Charmaine inghatat lill-esponent b'digriet numru 701/93 tas-Sekond'Awla

(Dokument "D" anness) u ghandha tibqa' f'idejn missierha, bhal ma kienet tul dawn l-ahhar seba' (7) snin;

3. Illi l-attrici ghandha access ultra liberu bit-telefon kif ukoll access kuljum meta l-attrici tigi tara lil bintha hawn Malta. L-esponent qatt ma oppona dan;

4. Illi t-talba biex l-attrici tiehu lit-tifla Charmaine l-Ingilterra qieghdha tigi opposta mill-esponent peress illi dan certament ikun ta' hsara psikologika ghat-tifla stante li din ghandha l-gheruq taghha hawn Malta, senjatament l-iskola fejn tattendi w is-sistemi ta' taghlim kif ukoll il-kwalita' ta' hajja morali segwita mit-tifla. L-attrici, sa fejn jaf l-esponent, qed tikkoabita ma' missier it-tifla l-ohra, Soraya, li huwa Rashid Attuochi, u din hija sitwazzjoni ta' skandlu ghal Charmaine. Barra minn dan, l-imgieba vjolenti ta' l-istess Rashid Attouchi, missier Soraya, li gie mfittex fil-Qorti Ingliza minn martu stess, hija fattur iehor li jimmilita kotnra l-presenza ta' Charmaine taht is-saqaf ta' ommha fl-Ingilterra.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea biex tigbor il-provi. Hija pero' zammet biss seduta wahda fil-11 ta' April 2000 fejn ma sar xejn peress illi b'nota konguntiva tal-kontendenti tat-30 ta' Mejju 2000 infurmaw lill-Qorti li kienu waslu ghal transazzjoni dwar il-meritu tal-kawza a bazi ta' skrittura li giet annessa ma' l-istess nota (fol. 27 u 28 tal-process) fejn ukoll infurmaw lill-Qorti li xtaqu li tinghata sentenza a bazi ta' l-istess transazzjoni. Din it-talba giet ripetuta mid-difensur ta' l-attrici fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 u l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat it-transazzjoni raggunta bejn il-partijiet u jidhrilha illi din hija fl-interess tal-minuri u ghalhekk sejra tigi adottata minnha, dejjem pero' fil-parametri tat-talbiet attrici.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. tichad l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u kustodja tat-tifla Charmaine Grima konguntivament f'idejn iz-zewg partijiet;

2. tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici tiehu t-tifla Charmaine l-Ingilterra inattiz kull mandat ta' impediment ta' partenza li jista' jkun hemm *in vigore* fil-konfront ta' l-imsemmija minuri Charmaine Grima pero' limitatament fit-termini tal-klawsoli 2 u 3 tal-ftehim raggunt bejn il-partijiet fid-29 ta' Mejju 2000 u mhux ghall-perjodu oltre dak hemm indikat.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ispejjez tal-kawza huma bla taxxa bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.